# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 27 ta’ Mejju 2002**

**Appell Nru 226/01G**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Thewma**
**Emanuel Thewma**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Thewma u Emanuel Thewma talli fil-gimghat qabel ic-citazzjoni (li ggib id-data tal-15 ta’ Dicembru, 1997) u fit-28 ta’ Ottubru, 1997, fil-fond 35/36, Triq Gajdoru, Xaghra, Ghawdex,

**(1)** ezercitaw s-sengha ta’ mastrudaxxa u [ghamlu] xoghol ta’ aluminium f’fond bla numru u bla isem fi Triq Gajdoru, Xaghra, Ghawdex, li mhux kopert bil-permessi ta’ l-awtoritajiet kompetenti biex fih isir xoghol ta’ injam u aluminium;
**(2)** aktar talli fl-istess fond haddmu makkinarju li mhux illicenzjat li jithaddem hemm; u
**(3)** aktar talli haddmu l-istess makkinarju ghal hinijiet twal u kontinwi sa tard fil-ghaxija, u b’hekk dejjqu l-mistrieh tal-girien bil-hsejjes li jaghmlu;

L-ewwel qorti kienet hija mitluba li f’kaz ta’ htija tordna t-tnehhija ta’ l-inkonvenjent taht penali li l-istess Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-28 ta’ Novembru, 2001, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Joseph Thewma u Emanuel Thewma mhux hatja skond it-tielet imputazzjoni u lliberathom minnha, izda sabithom hatja skond l-ewwel imputazzjoni u skond it-tieni imputazzjoni u kkundannathom multa ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm25) kull wiehed;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Joseph Thewma u Emanuel Thewma, minnhom ippresentat fl-10 ta’ Dicembru, 2001, li permezz tieghu talbu r-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

1. L-appellanti ma jinnegawx li huma kien ilhom snin jahdmu ta' mastrudaxxa mill-fond 35/36 fi Triq Gajdoru, Xaghra. Huma, pero`, jikkontendu li l-fond fejn huma qed jaghmlu dan ix-xoghol hu kopert b'licenzja tal-pulizija. Jikkontendu wkoll li huma qatt ma hadmu, fil-periodu inkriminat, xoghol ta' aluminium (dan *ex admissis* kien isir snin qabel, pero`, skond huma, mhux fil-periodu inkriminat); u fl-ahharnett jikkontendu li ma kienx hemm prova li huma haddmu makkinarju li ma kienx licenzjat.

2. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa r-relazzjoni tal-perit tekniku Henry G. Baker, kif ukoll id-deposizzjonijiet tad-diversi xhieda li xehdu quddiemu, u tista' fil-qosor, telenka l-fatti relevanti hekk:

    a. L-appellant Joseph Thewma ghandu f'ismu zewg licenzi, li originarjament hargu fl-1972, u li jghidu li l-imsemmi Thewma, iben Saviour, u li joqghod <u>36 Gajdoru Street</u>, Xaghra, jista' jahdem *"as a carpenter at <u>35 Gajdoru Street</u>, Xaghra"*, kif ukoll li jista' jhaddem *"a 3 HP air-cooled, paraffin motor engine for carpentry work <u>in his carpentry shop, 35 Gajdoru Street</u>, Xaghra"* – sottolinear ta' din il-Qorti.
    b. Originarjament il-fond numru 35 kellu access ghal speci ta' kantina fejn kien <u>ukoll</u> isir xi xoghol ta' mastrudaxxa. Maz-zmien, pero`, l-access bejn il-fond 35 u l-livell t'isfel inghalaq, u wiehed seta' jaccedi ghall-livell t-isfel biss minn speci ta' rampa li giet mibnija ma' genb il-fond nru. 35. Inoltre jirrisulta abbundantement car li l-kantina <u>tkabbret konsidervolment minn kif kienet originarjament</u> (u dan indipendentement minn jekk din il-kantina kienitx originarjament in parti tigi anke taht il-fond nru. 36, u anke jekk originarjament kien hemm xi forma ta' *inter-connection* bejn il-fondi 35 u 36), u x-xoghol ta' mastrudaxxa beda jsir <u>kollu</u> fil-kantina hekk imkabbra, jigifieri gie trasferit kollu kemm hu ghall-kantina, b'mod li fil-fond nru. 35 <u>fil-livell tat-triq</u> ma baqax isir xoghol ta' mastrudaxxa.
    c. Il-licenzji tal-pulizija, pero`, baqghu <u>jiggeddu</u> kif kienu originarjament.

3. Fil-fehma ta' din il-Qorti, meta licenzja tinhareg mill-pulizija (jew minn xi awtorita` ohra) biex tkopri xi attivita` <u>minn fond partikolari</u> (specjalment meta si tratta ta' attivita` li tista' tkun ta' inkonvenjent lil terzi) dik il-licenzja tkun harget limitatament ghall-fond kif kien fid-data tal-hrug tal-licenzja. S'intendi, jekk isir tibdil zghir li ma jammontax ghal zvilupp tal-proprjeta` ma

jkun gara xejn; pero` jekk isir zvilupp, bhalma jirrisulta li sar f'dan il-kaz, b'mod li jinbidel sostanzjalment il-post fejn tkun qed issir l-attivita` u konsegwentement anke l-estensjoni ta' dik l-attivita`, allura dan ikun jehtieg permess gdid u mhux semplici tigdid tal-permess originali.

4. Fil-kaz in dizamina, il-permess li kellhom l-appellanti – proprjament li kellu, u li presumibbilment ghad ghandu, Joseph Thewma – kien sabiex dak li jkun jahdem ta' mastrudaxxa mill-fond numru 35. Illum jekk wiehed imur fil-fond numru 35 ma jsib ebda attivita` simili. Ix-xoghol ta' mastrudaxxa qed isir f'kantina, li ghaliha ma hemmx access aktar mill-fond numru 35, liema kantina testendi wkoll taht il-fond numru 36. Ghalhekk ma jistax ragonevolment jinghad li fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni l-appellanti kellhom licenzja tal-pulizija skond l-Artikolu 181 tal-Kap. 10 biex jahdmu ta' mastrudaxxa minn fejn kienu effettivament qed jahdmu. Il-licenzja, fil-periodu inkriminat, ma kienitx tirrifletti aktar ir-realta` tal-attivita` gestita ghal dak li hu lok u estensjoni. Licenzja tal-pulizija mhix xi haga li tista' tiggebbed bhal bicca lastku biex tigi tkopri kull haga li l-*licensee* ifettillu jzid mal-attivita` originali, kif donnhom l-appellanti qed jippretendu li jista' jsir.

5. Huwa veru li ma jirrisultax li fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni l-appellanti hadmu xoghol tal-aluminium. Pero` l-ewwel imputazzjoni tindika wkoll ix-xoghol tal-injam (cioe` x-xoghol ta' mastrudaxxa, xoghol li *ex admissis* kienu qed iwettqu), u dana l-fatt huwa bizzejjed biex l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata.

6. Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet aktar 'l fuq imsemmija ghal dik li hi l-licenzja principali. Il-licenzja biex jithaddem mutur li jahdem bil-pitrolju tirreferi ghall-fond numru 35. Kif fisser ix-xhud Ray Camilleri in kontro-ezami (fol. 44) din il-magna kienet orginarjament fil-fond numru 35 fil-livell tat-triq, pero` kellha cineg li jhaddmu apparat fil-kantina tahtha. Illum, pero`, tnizzel kollox fil-kantina li, kif inghad, mhux biss testendi (kif setghet diga kienet testendi) taht il-fond numru 36, izda tkabbret ukoll. Il-licenzja llum, ghalhekk, ma tirriflettix aktra ir-realta`. Jizdied jinghad, kif tajjeb osservat ukoll l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, li t-tieni imputazzjoni hi effettivament kompriza fl-ewwel wahda.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

A. Testone
Deputat Registratur